# 445. Mulej Ejja

4/4

 **D**               **G**           **D**
Mulej ejja, id-dinja tistenniek
                    **A**      **A7**
Tbegħedna wisq mis-sewwa, tlaqna ħallejniek.
                               **G**           **D**
U issa m’hawnx ħlief gwerer Mibegħda u taqbid.

 **G**               **D**                 **D**
***Ġesù ejja, is-sliem ġibilna, l-imħabba għallimna***
      **G**       **A**         **D**
**Biex fik ningħaqdu flimkien.**

   **D**                          **G**
Inħossu l-ħtieġa tiegħek; Mingħajrek m’aħna xejn.
                   **A**         **A7**
Għad baqa’ popli mġewħa; Mistura f’dlam il-lejl.
                                 **G**              **D**
Il-faqar għadu jsaltan; Qalb l-għani ma tridx tħenn. **Rit:**

   **D**                                **G**
Il-ħolm taż-żgħażagħ tagħna; Qed jgħib fix-xejn illum.
                     **A**           **A7**
Il-qalb tal-bnedmin kollha; Qed tibred ta’ kuljum.
                                **G**           **D**
L-imsejkna għadhom jgħixu; Bla faraġ u mjassrin. **Rit:**

   **D**                         **G**
Mulej għadna niġġieldu; Għadna ma naħfruhiex,
              **A**          **A7**
Naħsbu fina nfusna; Kelma ma nżommuhiex.
                             **G**           **D**
Inħabbru l-kelma tiegħek; Iżda ma ngħixuhiex. **Rit:**

    **D**                            **G**
Id-dinja għandha bżonnok; Aħna għandna bżonn is-sebħ.
                   **A**          **A7**
Li jdawwal lil ħajjitna; Dawl li jagħtina s-serħ.
                             **G**             **D**
It-tarka tiegħek ħniena; Ix-xabla tiegħek ferħ. **Rit:**

    **D**                         **G**
Il-ħajja mingħajr Kristu; Ma hija ħajja xejn
                     **A**        **A7**
Għax fejn issib l-imħabba; Id-dinja ma tafx fejn.
                                        **G**            **D**
Fejn hemm l-imħabba u l-għaqda; Hemm tgħammar int Mulej. **Rit:**